Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

Werrej: Paġna


- Lista ta' Kunsillieri u Amministrazzjoni 2
- Agenda 3
- Rapport ta' Ħidma 2012 4-6
- Dhul u Hrug 2012 u Estimi Finanzjarji 2013 7-9

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

*Sindku*
Is-Sur Joseph Farrugia

*V/Sindku*
Is-Sur Kevin Barun

*Kunsillieri*
Is-Sur Joseph Baldacchino
Is-Sur Carmelo Cachia
Inġ. Stanley Zammit
Is-Sinjura Bernardette Pace
Is-Sur Carol Muscat

*Segretarju Eżekuttiv*
Is-Sinjura Maria Galea

*Skrivani*
Is-Sinjura Stephanie Aloisio
Is-Sinjura Simone Fenech
Is-Sinjura Eleanor Manicaro

*Skrivana Casual Part-Time*
Is-Sinjorina Kimberly-Jo Fenech

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

Avviż tal-Laqgħa Pubblika :

Is-Sindku u l-Kunsillieri jistiednu lill-pubbliku ta' Birżebbuġa li jidhru fir-Reġistru tal-Kunsilli Lokali sabiex jattendu Laqgħa Pubblika skont kif stipulat fl-Att XV ta' 1993 għal Kunsilli Lokali. Il-Laqgħa ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar 2013 fis-Sala tal-Komunita' fis-6.00 ta' filgħaxija.

Aġenda:

1. Indirizz mis-Sindku
2. Qari ta' Rapport ta' Ħidma 2012
3. Prezentazzjoni tar-Rapport Operattiv u Estimi Finanzjarji
4. Diskussjoni / Suġġerimenti / Ilmenti

Kunsill Lokali Birzebbuga
Paci u Sahha lil Kulhadd

**<u>Rapport ta' hidma tal-Kunsill Lokali Birzebbuga</u>**
**<u>Sena 2012</u>**

Is-sena 2012. Sena partikulari minhabba li l-Kunsill Lokali ghadda minn elezzjoni tal-Kunsilli Lokali f'Marzu. Din l-elezzjoni kienet is-sitt wahda minn meta bdew joperaw il-Kunsilli Lokali. Ghalkemm inbiddlu aktar min-nofs il-Kunsillieri nistghu nghidu li minn Kunsill Lokali ghal iehor kien hemm bidla trankwilla u kontinwazzjoni tajba tax-xoghol li baqa' miexi skont kif pjanat.

Kull sena, kif nistghu naraw mis-snin precedenti, il-Kunsill Lokali ta l-prijorita' lit-toroq taghna. Pero' fl-2012 il-Kunsill waqa' ftit lura fix-xoghol relatat ma' bankini u toroq minhabba problemi mal-kuntrattur li ma kellniex kontroll fuqhom. Ghalkemm il-Kunsill Lokali baqa' ghaddej b'*patching*, irrangar ta' kaptelli u bankini kontinwu kull fejn kien hemm bzonn, xoghol ta' kostruzzjoni ta' toroq mill-gdid waqaf. Niskuzaw ruhna ghal kull inkonvenjent li seta' nholoq pero' dan gara minhabba problemi li dhalna fihom minghajr ma konna nafu. Qabel spiccat is-sena, il-Kunsill Lokali ngagga kuntrattur iehor b'sejha pubblika u ergajna bdejna nhadmu rasna sabiex noholqu pjan ta' xoghol ghat-toroq taghna. Tajna prijorita' lil Triq il-Girghien fejn mill-ewwel ftahna l-applikazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex din tigi asfaltata. Ukoll ergajna ftahna d-diskussjonijiet mal-Gvern Centrali fuq l-iskema tal-PPP sabiex jigu asfaltati il-Bajja s-Sabiha u Misrah is-Summit. Ghalkemm il-Gvern Centrali ma taniex il-finanzjament kollu li tlabna ghal din l-iskema minhabba li l-budget tal-Gvern Centrali ma kienx konfermat, il-Kunsill Lokali xorta ser jidhol ghal dan il-progett ambizzjuz mill-aspett finanzjarju.

Ftahna diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex naghmlu *traffic management plan* holistiku fi Triq Ghar Dalam, issa l-Kunsill ghazel il-pjanta finali u qed nistennew li din tigi implimentata min-naha ta' TM. Diskussjonijiet ohra kienu fir-rigward ta' tisbih f'Misrah is-Summit, fejn dan ser jigi msebbah sabiex jigi jaghmel parti mill-prominad. Kif tistghu taraw ghalkemm ma sarux progetti kapitali fis-sena li ghaddiet, din is-sena serviet sabiex ghamilna l-*field work* kollu ta' qabel halli s-sena 2013 tkun sena mimlija b'implimentazzjoni ta' progetti kapitali.

Bi pjacir inhabbar liz-zewg permessi li ilna zmien twil nithabtu ghalihom issa nghatajna d-dawl ahdar mill-MEPA. Progett wiehed hu dak tat-tkomplija tal-Prominad minn fejn il-Klabb tal-Bocci sas-Sailing Club u l-irrangar tal-parkegg ta' Wied il-Buni. L-iehor hu dak tal-bdil ta' *fencing* ghal grawnd tal-Bajja s-Sabiha. Bhalissa ghaddejjin bil-process

sabiex jinhargu s-sejhiet pubblici ghal dawn il-progetti sabiex jibda x-xoghol kemm jista' jkun malajr.

Il-Kunsill Lokali ma tilef l-ebda opportunita' sabiex japplika ghal fondi addizzjonali sabiex iwettaq progetti u xoghol iehor li bl-allokazzjoni zgur ma jkunx possibbli. Applikajna sabiex nirrestawraw il-bjar taz-zejt li jinsabu f'San Gorg, ninstallaw *cameras* fil-*playing-fields* kollha tal-lokal, naghmlu zewg attivitajiet fuq skala kbira – Ingeddu Tfulitna u Festa ta' Ghana u Tradizzjonijiet, nidhlu fl-inizjattiva Book Box – librerija ta' tpartit ta' kotba, jigu mibdula l-apparat tal-*Playing-fields* taghna ghal apparat aktar modern u dhalna ghal inizjattiva sportiva fejn ser jigu ffinanzjati ghadd ta' attivitajiet sportivi b'xejn lir-residenti. Tajjeb nghidu li fuq dawn l-applikazzjonijiet kollha sa issa ghandna risposta wahda li ma gejnix accettati sabiex naghmlu r-restawr tal-bjar kif ukoll ghaddejjin b'appell fir-rigward tal-installazzjoni tal-apparat tal-*playing-fields*. Fir-rigward ta' fondi mill-EU ghandna applikazzjoni pendenti sabiex namru b'dawl li jahdem bix-xemx iz-*zebra crossings* kollha li ghandna f'Birzebbuga kif ukoll nibdlu s-sistema tad-dawl ghall-ufficcju amministrattiv ghal sistema ta' energija alternattiva .

Apparti dawn il-progetti, il-Kunsill Lokali jkun ghaddej kontinwament b'xoghol li forsi ma tantx jidher pero' ma nistghux nghaddu minghajru, gbir ta' skart bieb, bieb, kemm goff, riciklat jew organiku, manutenzjoni fil-lokal skont il-bzonn, zamma tal-gonna taghna, zebgha u sinjali tat-traffiku, immaniggjar tat-traffiku, zbih ta' bankijiet, *railings* u cnut, qtugh ta' haxix, knis fit-toroq, bdil ta' lampi maqtugha u twahhil ta' lampi u *crash barriers* godda. Dan kollu xoghol li jaqa' taht il-funzjoni diretta tal-Kunsill Lokali.

Birzebbuga hi mdawra bl-industrija u kull sena l-Kunsill Lokali jkollu bicca xoghol iebsa sabiex jara li l-izvilupp li jsir ma jkomplix jifni l-lokalita' taghna. Fis-sena 2012 kien hemm zvilupp li l-Kunsill Lokali kien ilu jishaqq fuqu diversi snin, dak tar-rilokazzjoni tal-impjant tal-Gass tal-Qajjenza fejn tnehha mill-qalba tar-residenti u gie trasferit ghal zona li ghalkemm f'Birzebbuga stess, tinsab il-boghod mir-residenti. Il-Kunsill Lokali baqa' jattendi ghal *Monitoring Committee Meetings* tal-Port Hieles sabiex jara li dak li hemm fil-Permess Ambjentali tal-MEPA jigi mplimentat. Hawn ta' min jirringrazzja lil ghaqda ambjentali lokali – Birzebbuga Environmental Action Group – li dejjem taw is-sehem taghhom u issapportjaw lill-Kunsill Lokali f'dawn il-"glidiet". Komplejna nsegwu mill-qrib l-izviluppi tal-Powerstation ta' Delimara u l-applikazzjonijiet l-ohra li jsiru l-MEPA sabiex inkunu fiz-zgur li kull zvilupp ma jsirx ghad-detriment tar-residenti. Komplejna wkoll naghmlu pressjoni sabiex dak li gejna mweghda mill-Gvern Centrali, li ser issir Triq l-Ghansar u jitkompla l-prominad tal-Qajjenza jigi mwettaq. Infakkarkom li l-Kunsill Lokali qieghed hemm sabiex isemma lehnu li hu lehen ir-resident. Nassigurakom li ser nibqghu nwasslu l-messagg taghna: naghmlu kull pressjoni possibbli fejn naraw il-hazin u naghtu s-sapport taghna ghall-affarijiet tajbin.

Hdimna mill-qrib mal-ghaqdiet tal-lokal u mal-Federazzjoni tal-Ghaqdiet u tajnihom is-sapport kollu taghna. Hdimna mal-ghaqdiet sabiex giet organizzata 'Ingeddu Tfulitna' li din is-sena kienet fuq skala akbar mis-soltu – serata li kienet success. Ukoll kellna diversi laqghat mal-Kumitat Ghal Qajjenza Ahjar fejn dawn ressqu diversi suggerimenti ghal titjib f'din il-parti tal-lokal. Ta' min jghid ukoll li l-Kunsill organizza diversi

attivitajiet kulturali kull xahar, attivitajiet socjali fosthom 'Jum l-Anzjan' fejn inghata rikonoxximent lill-Anzjani tas-Sena u 'Jum Birzebbuga' fejn ghalkemm thassar minhabba l-maltemp sar fuq skala izghar fis-sala tal-iskola u inghata rikonoxximent ta' Gieh Birzebbuga. Hdimna mill-qrib maz-zghazagh fejn ghall-ewwel darba organizzajna *Halloween Walk*, *Handball training session* u *Treasure Hunt*. Ukoll irnexxielna nghaqdu l-Kunsill Lokali taz-Zghazagh, tim ta' tmien zghazagh li qed jahdmu sabiex jissottomettu progett ghal-lokal li jiswa €10000. Offrejna ukoll korsijiet diversi kemm ghall-adulti kif ukoll ghat-tfal. Tajna t-tilqima kontra l-influwenza lil 600 anzjan u bghatna *Birthday Cards* lil dawk kollha li ghandhom 60 sena jew aktar, madwar 1500.

Nirringrazzja l-Kunsillieri li apparti li jsegwu mill-qrib ix-xoghol li jkun ghaddej skont id-delega taghhom, jattendu laqghat, *seminars* u korsijiet li jigu organizzati lilhom sabiex itejbu hidmiethom. Ukoll dan ix-xoghol kollu kien possibbli bil-hidma ta' tim b'sahhtu bejn il-parti elettiva – il-Kunsillieri – u l-parti amministrattiva. Tim li jahdem b'qalbu ghal Birzebbuga sabiex narawha isbah u ahjar milli diga' hi. Infakkarkom li l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali dejjem miftuh ghalikom ir-residenti sabiex jilqa' l-ilmenti u s-suggerimenti ta' kulhadd, zgur li tinqdew bl-ahjar mod possibbli. Ukoll ninfurmakom li kull nhar ta' Tlieta fuq South End Radio (91.0) fis-6.00pm ikun hemm il-programm *Il-Kunsill Jisimghek* fejn ikollkom l-opportunita' titkellmu mal-Kunsillieri prezenti. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li b'xi mod taw l-ghajnuna volontarja taghhom lill-Kunsill Lokali.

Naghlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lilkom li ghogobkom tattendu ghal din il-laqgha pubblika.

Grazzi.

Kunsill Lokali Birzebbuga
Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (Euro) | ACTUAL Jan-Sept 2012 (Euro) | Projected Jan-Dec2012 (Euro) | BUDGET 2013 (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | 735,349.00 | 486,551.00 | 646,159.00 | 1,549,416.00 |
| 0020 | Bye-laws | 40,000.00 | 31,242.00 | 37,152.67 | 186,050.00 |
| 0090 | Investment | 200.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | TOTAL | **775,549.00** | **517,793.00** | **683,311.67** | **1,735,466.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 97,712.00 | 71,453.00 | 110,276.03 | 103,550.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 487,713.00 | 312,260.00 | 416,481.33 | 409,100.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 500,895.00 | 7,236.00 | 9,648.00 | 1,217,816.00 |
| | TOTAL | **1,086,320.00** | **390,949.00** | **536,405.36** | **1,730,466.00** |
| | **Balance** | **(310,771.00)** | **126,844.00** | **146,906.30** | **5,000.00** |

# Kunsill Lokali Birzebbuga
# Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | A<br>BUDGET 2012 (Euro) | ACTUAL Jan-Sept 2012 (Euro) | b<br>Projected Jan-Dec2012 (Euro) | c<br>BUDGET 2013 (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | | | | |
| 0001 | Annual | 642,859.00 | 483,251.00 | 642,859.00 | 655,700.00 |
| 0002 | Supplementary | 92,490.00 | 1,300.00 | 1,300.00 | 177,400.00 |
| 0003 | Special needs | | | | |
| 0004 | Public/government entities | | 2,000.00 | 2,000.00 | |
| 0015 | Other | | | | 716,316.00 |
| | | **735,349.00** | **486,551.00** | **646,159.00** | **1,549,416.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Community Services | 10,000.00 | 5,067.00 | 6,756.00 | 7,000.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 20,000.00 | 13,590.00 | 15,000.00 | 70,000.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | 4,050.00 | 4,050.00 | 4,050.00 |
| 0110 | Donations Receivable | | 100.00 | 100.00 | |
| 0066 | General | 10,000.00 | 8,435.00 | 11,246.67 | 105,000.00 |
| | | **40,000.00** | **31,242.00** | **37,152.67** | **186,050.00** |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Bank interest | 200.00 | | | |
| 0096 | Government securities | | | | |
| | | **200.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| | **TOTAL** | **775,549.00** | **517,793.00** | **683,311.67** | **1,735,466.00** |

Kunsill Lokali Birzebbuga
Paci u Sahha lil Kulhadd

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | A<br>BUDGET 2012 (Euro) | ACTUAL Jan-Sept 2012 (Euro) | b<br>Projected Jan-Dec2012 (Euro) | c<br>BUDGET 2013 (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 11,212.00 | 7,609.00 | 7,576.00 | 8,500.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 62,000.00 | 52,529.00 | 68,858.03 | 54,500.00 |
| 1300 | Bonuses | 4,600.00 | 1,260.00 | 1,600.00 | 8,000.00 |
| 1400 | Income supplements | | | | |
| 1500 | Social Security contributions | 12,000.00 | 4,676.00 | 25,663.00 | 26,000.00 |
| 1600 | Allowances | 7,200.00 | 4,560.00 | 5,760.00 | 5,750.00 |
| 1700 | Overtime | 700.00 | 819.00 | 819.00 | 800.00 |
| | | **97,712.00** | **71,453.00** | **110,276.03** | **103,550.00** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | |
| 2100 | Utilities | 8,000.00 | 10,282.00 | 13,709.33 | 13,500.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 27,000.00 | 16,421.00 | 21,894.67 | 20,000.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 93,000.00 | 26,708.00 | 35,610.67 | 33,000.00 |
| 2400 | Rent | 4,213.00 | 2,524.00 | 3,500.00 | 3,500.00 |
| 2500 | International memberships | 500.00 | 282.00 | 376.00 | 350.00 |
| 2600 | Office services | 10,000.00 | 10,619.00 | 14,158.67 | 12,000.00 |
| 2700 | Transport | 22,000.00 | 16,622.00 | 22,162.67 | 21,000.00 |
| 2800 | Travel | | | | |
| 2900 | Information services | 2,000.00 | 2,391.00 | 3,188.00 | 1,500.00 |
| 3000 | Contractual services | 305,000.00 | 207,368.00 | 276,490.67 | 280,000.00 |
| 3100 | Professional services | 10,000.00 | 10,629.00 | 14,172.00 | 14,000.00 |
| 3200 | Training | | | | |
| 3300 | Community and hospitality | 6,000.00 | 8,114.00 | 10,818.67 | 10,000.00 |
| 3400 | Incidental expenses | | 300.00 | 400.00 | 250.00 |
| | | **487,713.00** | **312,260.00** | **416,481.33** | **409,100.00** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | |
| 7100 | Construction | 451,895.00 | | | 492,500.00 |
| 7200 | Improvements | 45,000.00 | 4,182.00 | 5,576.00 | 5,000.00 |
| 7300 | Equipment | 4,000.00 | 3,054.00 | 4,072.00 | 4,000.00 |
| 7500 | Special programmes | | | | 716,316.00 |
| | | **500,895.00** | **7,236.00** | **9,648.00** | **1,217,816.00** |
| | **TOTAL** | **1,086,320.00** | **390,949.00** | **536,405.36** | **1,730,466.00** |